# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 154/2014

## tad-19 ta' Frar 2014

## li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' approvazzjoni tas-sustanza attiva estratt mis-siġra tat-te

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 13(2)(c) u l-Artikolu 78(2) tiegħu,

Billi:

(1) Is-sustanza attiva estratt mis-siġra tat-te kienet iddaħħlet fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ([2]) bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/127/KE ([3]) f'konformità mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 24b tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2229/2004 ([4]). Mindu d-Direttiva 91/414/KEE nbidlet bir-Regolament (KE) Nru 1107/2009, din is-sustanza qed titqies li ġiet approvata skont dak ir-Regolament u tniżżlet fil-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 ([5]).

(2) F'konformità mal-Artikolu 25a tar-Regolament (KE) Nru 2229/2004, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Awtorità", ippreżentat lill-Kummissjoni l-opinjoni tagħha dwar l-abbozz tar-rapport ta' analiżi għall-estratt mis-siġra tat-te ([6]) fis-16 ta' Diċembru 2011. L-Awtorità wasslet l-opinjoni tagħha dwar l-estratt mis-siġra tat-te lin-notifikatur. Il-Kummissjoni stednitha tressaq il-kummenti tagħha dwar l-abbozz tar-rapport ta' analiżi għall-estratt mis-siġra tat-te. Saret reviżjoni tal-abbozz tar-rapport ta' analiżi u tal-opinjoni tal-Awtorità mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali u fit-13 ta' Diċembru 2013 ġew iffinalizzati fl-għamla ta' rapport ta' analiżi tal-Kummissjoni għall-estratt mis-siġra tat-te.

(3) Ġie kkonfermat li s-sustanza attiva estratt mis-siġra tat-te għandha titqies approvata skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

(4) Skont l-Artikolu 13(2) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, flimkien mal-Artikolu 6 tiegħu, kif ukoll fid-dawl tal-għarfien xjentifiku u tekniku attwali, jeħtieġ li jiġu emendati l-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni. B'mod partikolari, jixraq li tintalab aktar informazzjoni ta' konferma.

(5) Għalhekk l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 għandu jiġi emendat skont dan.

(6) L-Istati Membri għandhom jingħataw iż-żmien biex jemendaw jew jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom l-estratt mis-siġra tat-te.

(7) Għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom l-estratt mis-siġra tat-te, meta l-Istati Membri jagħtu xi perjodu ta' grazzja skont l-Artikolu 46 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, dan il-perjodu għandu jiskadi sa 18-il xahar minn meta jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament.

(8) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Emenda tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011**

Il-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 hi emendata skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

**Miżuri tranżizzjonali**

F'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 u meta meħtieġ, l-Istati Membri għandhom jemendaw jew jirtiraw awtorizzazzjonijiet eżistenti għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom l-estratt mis-siġra tat-te bħala sustanza attiva sat-12 ta' Settembru 2014.

*Artikolu 3*

**Il-perjodu ta' grazzja**

Kull perjodu ta' grazzja li jagħtu l-Istati Membri skont l-Artikolu 46 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 għandu jkun qasir kemm jista' jkun u għandu jiskadi sa mhux aktar tard mit-12 ta' Settembru 2015.

---

([1]) ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.

([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1).

([3]) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/127/KE tat-18 ta' Diċembru 2008 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE għall-inklużjoni ta' bosta sustanzi attivi (ĠU L 344, 20.12.2008, p. 89).

([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2229/2004 tat-3 ta' Diċembru 2004 li jistabbilixxi aktar regoli fid-dettall għall-implimentazzjoni tar-raba' stadju tal-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 379, 24.12.2004, p. 13).

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-lista ta' sustanzi attivi approvati (ĠU L 153, 11.6.2011, p. 1).

([6]) Il-konklużjoni dwar ir-reviżjoni bejn il-pari tal-valutazzjoni tar-riskju tal-pestiċida tas-sustanza attiva estratt mis-siġra tat-te, *EFSA Journal* 2012; 10(2):2542. Jinsab onlajn: www.efsa.europa.eu/efsajournal.htm

*Artikolu 4*

**Id-dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Frar 2014.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

*ANNESS*

Fil-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011, ir-ringiela 228 dwar is-sustanza attiva estratt mis-siġra tat-te tinbidel b'dan li ġej:

| Numru | Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni | Isem IUPAC | Purità (*) | Data tal-approvazzjoni | Skadenza tal-approvazzjoni | Dispożizzjonijiet speċifiċi |
|---|---|---|---|---|---|---|
| "228 | Estratt mis-siġra tat-te<br><br>Nru CAS taż-Żejt tas-Siġra tat-Te 68647-73-4<br><br>Komponenti ewlenin:<br><br>terpinen-4-ol 562-74-3<br><br>γ-terpinene 99-85-4<br><br>α-terpinene 99-86-5<br><br>1,8-cineole 470-82-6<br><br>Nru CIPAC 914 | Iż-Żejt tas-Siġra tat-Te hu taħlita kumplessa ta' sustanzi kimiċi. | Komponenti ewlenin:<br><br>terpinen-4-ol ≥ 300 g/kg<br><br>γ-terpinene ≥ 100 g/kg<br><br>γ-terpinene ≥ 50 g/kg<br><br>1,8-cineole ≥ 1 g/kg<br><br>Impurità rilevanti:<br><br>Il-methyl eugenol: mhux aktar minn 1 g/kg tal-materjal tekniku | L-1 ta' Settembru 2009 | Il-31 ta' Awwissu 2019 | PARTI A<br><br>L-użi bħala fungiċida fis-serer biss jistgħu jiġu awtorizzati.<br><br>PARTI B<br><br>Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' analiżi dwar l-estratt mis-siġra tat-te (SANCO/2609/2008 finali), u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzati fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-13 ta' Diċembru 2013.<br><br>F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lil:<br><br>— il-protezzjoni tal-operaturi u l-ħaddiema, billi jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-użu jkun fihom l-applikazzjoni ta' tagħmir adegwat tal-protezzjoni personali, meta xieraq,<br><br>— il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art, meta s-sustanza tiġi applikata f'reġjuni b'ħamrija u/jew kundizzjonijiet tal-klima vulnerabbli,<br><br>— il-protezzjoni tal-ilma tal-wiċċ u tal-organiżmi akkwatiċi,<br><br>— il-protezzjoni tan-naħal tal-għasel, tal-artropodi mhux fil-mira, tal-ħniex, u tal-mikroorganiżmi u l-makroorganiżmi mhux fil-mira.<br><br>Meta xieraq, il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu miżuri li jtaffu r-riskju.<br><br>In-notifikatur għandu jressaq informazzjoni ta' konferma dwar:<br><br>(a) il-metaboliżmu tal-pjanti u l-esponiment tal-konsumatur;<br><br>(b) it-tossiċità tal-komposti li jikkostitwixxu l-estratt u r-rilevanza ta' impuritajiet possibbli ħlief il-methyl eugenol; |

| Numru | Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni | Isem IUPAC | Purità (*) | Data tal-approvazzjoni | Skadenza tal-approvazzjoni | Dispożizzjonijiet speċifiċi |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | (c) l-esponiment tal-ilma ta' taħt l-art għall-komponenti assorbiti b'inqas qawwa li jikkostitwixxu l-estratt u għal prodotti potenzjali li jbiddlu l-ħamrija;<br>(d) l-effetti fuq il-metodi bijoloġiċi għat-trattament tad-drenaġġ.<br>Din l-informazzjoni, in-notifikatur għandu jagħtiha lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Awtorità sa mhux aktar tard mit-30 ta' April 2016." |

(*) Aktar dettalji dwar l-identità u l-ispeċifikazzjoni tas-sustanza attiva jinsabu fir-rapport ta' analiżi.